**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu 2023**

**<u>Rikors nru : 579/2022 AGV</u>**

**Dr TS**

**Vs**

**SMP**

Il-Qorti ;

Rat ir-Rikors ta **Dr TS datat 3 ta' Novembru 2022;**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:**

1. Illi l-kontendenti partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar il-hmistax ta Mejju tas sena elfejn u hmistax(15.05.2020) u li minn dan izz-wieg huma ma ghandhomx tfal. Ghal kull boun fini , ic-certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK. 'JC1' ;

2. Illi l-hajja martrimonjali ta bejnithom m'ghadiex aktar possibli minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irredjabbilment u li ghaldaqstant m'hemmx lok jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-konjugi;

3. Illi r-rikorrenti TS telaq mid-dar martrimonjali fis-sittax t'Ottubru tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (16.10.2021) Di fatti ilhom jghixu hajja separata min xulxin ghal sena;

4. Illi il-kontendenti partijiet , ghalkemm pprocedu ghas-separazzjoni personali ftehim ma setghax jintlahaq u b'hekk l-istess kontendenti partijiet legalment ghadhom mizzewgin;

5. Illi ghalkemm l-kontendi partijiet mhumiex separati legalment , il-kodici Civili tawtorizza il-hall taz-zwieg u divorju tal-partijiet minghajr ma l-istess partijiet ikunu legalent separati minn xulxin qabel talba tad-divorzju, skont Artikolu 66 A (1) tal-Kodici Civili;

6. Illi in oltre, il-Qorti ghandha s-setgha li tilqa` t-talbiet ta divorzju minn koppji mizzewgin u mhux legalment separati legalment skont Artiklou 66B tal-Kodici Civili huma ssodisfatti;

a) Ma hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar il-manteniment ladarba miz-zwieg ma kellhomx ulied.

b) Ghalkemm sub-Artiklou (b) tal-istess Artiklou jirrekjedi l-konjugi jkunu legalment separati, il-kontendenti partijiet, pprocedu ghas-separazzjoni personali, u ftehim ma setghax jintlahaaq izda illhom ma jghixu flimkien ghal sena , skont kif inhu mehtieg minn Sub-Artikolu (a).

c) Ghaldaqstant il-processi tal-medjazzjoni ser jintemmu u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin.

7. Illi in vista tal-premess evidentament jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad divorzju tal-partijiet;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti TS umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Jiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

2. Tordna lir-Registartur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqsekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u biex jirregistra skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' SM P datata 5 ta' Dicembru 2022;**

**Tesprimi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li hija taf personalment bis-segwenti:**

1. Illi l-fatti kif premessi fl-ewwel paragarfu tar-rikors promotur ma humiex kkontestati;

2. Illi l-fatti kif premessi fit-tieni premessa tar-rikors promotur qed jigu kkomtestati b'dana illi l-unika raguni l-ala l-hajja matrimonjali ta bejnithom sfaccat hija kawza ta ragunijiet imputabbli unikament ir-rikorrent innifsu u fil-fatt l-intimata ser tavalixxi ruhha mail-fakoltajiet provduti lillha ai termini tal-Artikolu 66 E tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u tipprocedi b'kontro talba;

3. Illi l-fatti kif premessi fit-tielet premessa tar-rikors promutor ma humiex kkontestati izda jigi emfasizzat u sottolinjat li kien l-istess attur TS li ghal ragunijiet frivoli u malizzjizi tieghu ghazel li jabbanduna lill-intimata u l-hajja matrimonjali hekk waqt li kienet ghaddejja minn procecc mediku delikat u perikoluz;

4. Illi l-fatti kif premessi fir-Raba premessa tar-rikors promotur huma kkontestati b'dana illi l-esponenti intimata frthet proceduri ta' separazzjoni personali li kienu fi stat ta medazjjnoi f'dawk il-proceduri il-medjzazzjoni ma kienetx ghadha wahda maghluqa u l-partijiet kienu qed jistennew id-digriet sabiex ikunu jisghtu jipprocedu ghal firda personali stante nuqqs ta qbil;

**L-eccezzjonijiet ghalhekk huma s-segwenti;**

1. Illi preliminarjament stante li fil-prezent ma tezisti ebda separazzjoni bejn il-partijiet la b'kuntratt u wisq inqas bil-Qorti l-avukat patrocinanti tar-rikorrenti ghandha tosserva dak dispost fis-subinciz (2) (a) tal-artikolu 66G

2. FIL-mertu tat-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi r-ragunijiet ghat-tifrik ta zwieg huma imputabbli unikament fuq r-rikorrenti u kontestwalment ma dini r-risposta l-esponenti qieghda taghmel rikors rikonvenzonali b'liema qed titlob li l-Qorti tipprocedi sabiex issib l-attur responsabbli u hatja li gabet it-tifrik taz-zwieg skond l-Artikolu 66E;

4. Bla pregudizzju ghal premess ghandhu jirrizulta ukoll li in oltr z-zwieg in kwistjoni huwa null ghal ragunijiet li huma ipmutabbli biss lill-attur;

5. Bla pregudizzju ghal premess l-intimata tecepixxi wkoll illi f'kaz li takkolji it-talbiet attrici, il-qorti ghandha wkoll tipprocedi ghad-divizjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwiwti skond il-ligi;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

**Bl-ispejjez u l-ingunjoni in subizzjoni tal-attur**

**Rat ir-rikors rikonvenzjonali ta'   SM P  ai termini tal-Artikolu 66E tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:**

1. Illi l- partijiet izzewgu nhar il-15 ta'  Mejju 2020 minn liema zwieg ma kellhomx ebda ulied;

2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment u b' dan unikament minhabba tortijiet imputabbli lir-rikorrent rikonvezjonat stante fost l-ahhar affarijiet ohra mohqrija, offizi gravi inkluz vjolenza psikolgika da parti tal-intimat rikonvenzjonat;

3. Illi in oltre r-rikonvenzjonant  TS    abbanduna l-konjuga tieghu u cioe r-rikonvenzjonanta habta u sabta minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.

4. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda lok ghal rikonciljazzjoni u llum anqas lok ghal separazzjoni personali kawza tal-azzjoni ghad- divorzju u dan minkejja li r-rikonvenzjonanata kienet inizjat proceduri ghal-separazzjoni personali.

Ghaldaqstant lir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-onorabbli Qorti joghgobha salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunja l-hall taz-zieg bejn il-partijiet u dan minhabba ragunijet attribwibbli esklussivament ghal-intimat rikonvenzjonant u cioe mohqrija u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika;

2. Tapplika kontra l-intimat rikonvenzjnant d-dispozizzjoni tal-Artikolu 66E U 48 et seq tal-kap 16 tal-Ligijiet ta Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet milli assi parafernali tal-partijiet;

4. Tiddeciedi u tiddikjara li propjeta mobbli u immobbli tifforma parti milli assi parafernali tal-partijiet u liema parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tillikwida l-assi u d-djun li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet anke okkorendo permess ta periti nominandi, taqsam l-assi u d-djun hekk likwidati f'zewg porzjonijiet mhux neccessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjon iehor lill-intimata, okkorendo permezz tal-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-atti tal-qsiem opportun u kuraruri deputati sabiex jipprezentaw l-eventawli kontumaci;

6. Todna lir-rikonvenzjonant sabiex fi zmien qasir u perentorju prefiss mill-Qorti jikkonsenja lir-rikonvenzjonanata dawk il-beni li jigu dikjarati taghha bhala parafernali kif ukoll dawk il-beni jigu lilha assejnati b'konsegwenza tal-likwidazzjoni tad-divizjoni tal-konunjoni tal-akkwisti, u fin-nuqqas tordna lill-istess intimata biex thallas lir-rikorrenti il-valur

stess beni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti anke occorendo bl-opera ta' periti nominandi;

7. Tiddeciedi u tiddikajara illi l-kontendenti ddekadew minn kwalaiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin;

8. Tordna lir-Registarur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventawli hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registart fir-Registru Pubbliku.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni**.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' Dr. T S ghar-rikors mressaq minn SMP fl-atti tad-divorzju, intavolat aitermini tal-Artikolu 66 E:**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jghid illi:**

fit-talbiet tar-rikonvenjonanti ghadhom jigu respinti fl-intier taghhom fil-konfront tal-eccipjent rikonvenzjonant, ghar-ragunijiet kif hawn aktar l isfel elenkati;

1. **Fl-ewwel lok** u in vena prelimienari minn aspett procedurali t-talbiet imressqa mil-konvenuta rikorrenti ma japplikax taht l-Artikolu 66E tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta, li bih qeghda tinqeda sabiex ressqet r-rikors

meertu ta dini r-risposta stante li hija wessghet it-talbiet taghha ghal dawk li jinkludu kollox taht procedura ta separazzjoni personali u ghalhekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 66 E ma jissustix;

2. Illi b'referenza ghal procedura kif mhaddma mill-konvenuta kien se mai idoneu ghal-attur rikonvenzjonzt kieku ried ai termini tal-Artikolu 66D TAL-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta li seta jressaq talbiet ukoll ghal separazzjoni personali flimkien mad-divorzju izda l-kitba tal paragrafu 3 tal-Artiklou 66D HAWN IKKWOTAT huwa car fil-fhema tal-esponenti u ma jghix il parti li qieghda tircievi rikors ghad-divorzju l-facilta li tressaq kontro-talba b'xi mod ai termini tal-Artikolu 66E u wisq inqas tas-subparagrafu 3 tal Artikolu 66D.

3. **FL-Ewwel lok ,** u bla prgudizzju ghas-suespost, in materja jinghad li filwaqt li fil-principju jaqbel li separazzzjoni personali ghandha tigi iddikjarata minn din l-Onorabbli Qorti pero mhux ghar-ragunijiet kif imsemmija fir-rikors. Dan ghaliex mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat huwa hati li kkometta fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjanata, mohqrija offizi gravi, inkluz dik psikologika , anzi is-sitwazzjoni hijab il-kontra kif ha jigi ppruvat li kienet l-istess konvenuta li wettqet vjolenza psikolgika u sevizzi fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat tant li wasslitu sabiex jipproteggi lilu iniffsu b'mod estrem billi se mai ikun hu li jallontana ruhr mil-fond fejn dak iz-zmien kienu attwalment qeghdin joqghodu ghl ftit xhur;

4. Illi b'referenza wkoll ghal-paragrafu precedenti ghal din kif ha jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri, l-attur rikonvenzjonat ghandu ragunijiet validissimi

ghat-tluq tieghu mill-fond u ghalhekk m'hemmx l-elementi legali li jissustixxi l-abbandun;

5. **Fit-tieni lok,** u wkoll bla pregudizzju ghas-suespost l-attur rikonvenzjonat ma jsibx oggezzjoni li jigi stabbilit liema mill-assi huma parafernali u liema mill-assi huma formati parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

6. **Fit-tielet lok,** u bla pregudizzju ghas-suespost l-attur rikonvenzjonat jiddikjara u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti f'kaz li tinghata d decizjoni li r-rikors mertu ta din r-risposta ghandu jitkompla jinstema li eventwalment l-applikabilita tal-Artikolu 48 et sequitur issir fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanta milli fil-konfront tieghu u dan ghal diversi ragunijiet ppruvati waqt il-mori tal-proceduri.

7. **Fil-hames lok,** l-attur rikonvenzjonat jaf b'dawn il-fatti personalment hekk kif ser jirrizulta tul dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi , jekk ikun il-Kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenzjonata li hija minn issa ingunta in subizzjoni u b' riserva ta kwalunkwe azzjoni spettanti lill-eccipjenti attur rikonvenzjonat kontra l-istess konvenuta rikoncenzjonata, anke dik ghal separazzjoni ulterjuri.

Rat is-sentenza in parte, moghtija illum stess, fejn il-Qorti qalet li talba rikonvenzjonali ma tistax titressaq f'dawn il-proceduri, u ghalhekk halliet it-talba originali ghad-divorzju ghat-trattazzjoni.

Rat illi, fir-risposta taghha, l-intimata ma ddikjaratx li qed toggezzjona ghat-talba ghad-divorzju, u lanqas tat raguni ghalfejn l-istess divorzju m'ghandux jinghata.

Rat il-provi mressqa mir-rikorrenti.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

Rat illi hemm ragunijiet bizzejjed biex it-talba tar-rikorrenti ghall-ghoti tad-divorzju jintlaqghu, anke peress illi l-istess talbiet ma gewx opposti mill-intimata.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 15 ta' Mejju 2020.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez a kariku tal-intimata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**